MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru. 50/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**John Mercieca ta' 42-il sena, bin Joseph u Catherine nee' Cauchi, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar il-13 ta' Jannar 1966, residenti fil-fond "Mountain View", Triq Ta' Ghammar, Ghasri, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 1666(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Mercieca akkuzat talli nhar it-23 ta' Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel gewwa Ghawdex u fl-inhawi differenti f'dawn il-

Gzejjer, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra CBO927;
2. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubbliku, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra CBO927
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra CBO927
4. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Honda 70 bin-numru tar-registrazzjoni P3036 bl-engine number C70E466570, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma kienx kopert b’licenzja jew polza ta’l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;
5. u talli fl-istess data, lok, hin u cirksutanzi saq vettura tal-ghamla Honda70 bin-numru ta’ registrazzjoni P3036 bl-engine number C70E466570 minghajr ma kien dak il-hin liebes crash helmet.

Semghet il-provi,

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Awissu 2008 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-istqarrija tal-imputat esebita bhala Dokument FT1 fl-atti tal-kawza, kif ukoll mix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni, jirrizulta illi dwar il-fatti ta’ dana l-kaz ma hemmx kontestazzjoni.

Jirrizulta illi l-imputat kellu mutur b’numru ta’ registrazzjoni qadim P3036 li kien ilu ggaraxxjat sa mit-23 ta’ Marzu 2004. L-imputat, li huwa bidwi, madanakollu baqa’ juza dana l-mutur sabiex jaccedi minn raba ghal ohra mahduma minnu u dana meta jmur jixghel il-viti tad-*drip irrigation*. Illi peress illi l-imputat kellu jsuq ghal parti fuq it-triq sabiex jaghmel dana, huwa ghamel set pjanci ta’ registrazzjoni u nizzel fuqhom numru ta’ registrazzjoni li kienu jappartjenu lil *quad bike* proprjeta ta’ kugin il-mara tieghu, certu Michael Mintoff. In-numru kien CBO927. Dana ghamlu permezz ta’ xi *stickers* fuq bicca pjanca. Dawna l-pjanci huma esebiti fl-atti bhala Dokument FT3.

Illi l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija filwaqt li kien qieghed isuq dana l-mutur minghajr *crash helmet* gewwa Triq Ghammar fl-Ghasri. Inoltre mix-xhieda ta’ Saviour Farrugia rappresentant tal-Awtorita Dwar it-Trasport, irrizulta illi l-mutur in kwistjoni kien ilu ggaraxxjat sa mill-2004 u ghalhekk certament ma kienx kopert bl-ebda polza ta’ assikurazzjoni u licenjza ghat-triq.

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta’ dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta’ falz f’dokumenti

pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fi-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi dana l-kaz kien jitratta numru fuq *chassis* ta' vettura li gie ffalsifikat u mhux pjanci ta' registrazzjoni, izda l-kuncett legali li fuqu huma bbazati zewg kawzi huwa simili. L-imputat f'dik il-kawza instab hati ta' falz ideologiku kif ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Illi dana r-reat huwa inkwadrat fit-tieni imputazzjoni migjuba kontra

l-imputat f’dina l-kawza. Illi dina l-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi l-fattispecje ta’ dina l-kawza jinkwadraw ruhhom perfettament f’dina l-akkuza. Illi l-akkuzi l-ohra huma kapi alternattivi ghal dina l-akkuza u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-akkuzat mill-ewwel u t-tielet akkuza.

Illi l-ahhar zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati, kif gie sottolinjat iktar ’il fuq, ghalkemm ma giet migjuba l-ebda prova illi l-imputat ma kellux licenzja tas-sewqan sabiex ikopri l-kategorija li tahtha jaqaw il-muturi.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll Regolament 123(2) tal-L.S.65.11, filwaqt illi tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni, ir-raba u l-hames akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta’ liberta kondizzjonata.

Il-Qorti qieghda wkoll tiskwalifika lill-hati milli ikollu licenzja tas-sewqan  ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qieghda tordna ukoll il-konfiska tal-mutur esebit bhala Dokument FT4 favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------